# Il-Ħadd 27.12.2015

1. Matul din il-ġimgħa, il-quddiesa ta' filgħaxija ser tkun animata minn diversi mużiċisti u kantanti, ħafna minnhom tfal u żgħażagħ. Tajjeb li nagħmlu ħilitna u nattendu l-quddiesa matul dawn iż-żminijiet fejn qed niċċelebraw il-misteru ta' *Alla magħna*, waqt li noffru, napprezzaw u nippromwovu dawn it-talenti.
2. Illum 27/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Il-quddiesa tal-10:00am tkun bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
     Nistiednu b'mod partikulari lill-Familji ta' età żgħira biex jattendu din il-quddiesa.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna ser ikun il-Kurja fil-Floriana, biex jilqa' lil kulmin jixtieq jagħtih l-awguri għal dawn il-festi.
   - Bejn l-10:30am u 12:00pm, il-Banda San Pawl ser tkun qed tferraħ xi toroq tar-raħal tagħna b'marċi u innijiet tal-Milied.
   - Mis-6:30pm sat-7:45pm, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed nistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv', b'mużika, kant u mimi adatti għal dawn iż-żminijiet. Mhux ta' min jitilfu.
3. It-Tnejn 28/12:
   - Fis-7:15pm, tittella' r-reċta *'West Bank'* imtella' fil-MUSEUM tas-subien. Kulħadd mistieden.
4. It-Tlieta 29/12:
   - **Ħarġa għall-Abbatini**: Fit-8:30am nitilqu minn fejn il-knisja u nkunu lura għas-1:00pm.
5. L-Erbgħa 30/12:
   - Fis-6:30pm ikollna l-Quddiesa u wara nżuru l-morda fi djarhom fi Triq iż-Żurrieq, fejn isir it-tqarbina, jitkantaw xi innijiet tal-Milied u naqsmu l-awguri. Kulħadd mistieden jakkumpanja. Ġibu xemgħa magħkom.
6. Il-Ħamis 31/12:
   - Mill-5:30pm 'il quddiem jkollna l-Qrar.
   - Fis-6:30pm niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor 'Sine Macula' li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*. Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa tmur għad-Dar tal-Provvidenza u nippreżentawha fl-ewwel tas-sena waqt l-Open Day. Nitolbukom tkunu ġenerużi.
7. Il-Ġimgħa 1/01/16, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**:
   - Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dawk ta' nhar ta' Ħadd.
8. Il-Ħadd 3/01/16, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fis-7:00pm, fil-Museum tas-Subien, ser isir Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers tal-Parroċċa biex nuru l-apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.
9. Avviżi oħra:
   - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal tassew siewi f'dawn iż-żminijiet hu billi nagħtu d-demm. Inħeġġu ħafna għal dan il-ġest ġeneruż.
   - Matul dawn il-jiem ser jitqassam il-magazin *'Flimkien'* ta' Jannar, kif ukoll l-envelopes biex tagħtu l-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li ser tmur għall-manutenzjoni tal-knisja u r-restawr tan-niċċa u l-bankun ta' San Pawl. Dawn id-donazzjonijiet għandhom jinġabru lura minn dawk li jqassmu l-*'Flimkien'* jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nitlob il-koperazzjoni ta' kulħadd, u nirringrazzjakom mill-qalb.
   - Ngħarrafkom li fuq talba ta' Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, waqt li nibqa' kappillan ta' Ħal Safi, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta għoġbu jinnomina lili (lill-Kappillan Dun David Farrugia) bħala Kanonku onorarju tal-istess Kapitlu. *B'ubbidjenza u gratitudni lejn l-Arċisqof, b'rispett u gratitudni lejn il-familjari tiegħi, l-aktar tan-naħa ta' missieri li huma mill-Belt, u b'ġieħ lejn din il-parroċċa ta' Ħal Safi, iddedikata wkoll lil San Pawl, aċċettajt li nilqa' din in-nomina.*